MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 462/2002/1

**Ray Psaila ezercenti l-kummerc taht l-isem Lorter Upholstery**
**vs**

**Simon Attard u Jacqueline Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-26 ta' Frar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm379.00) in kwantu ghal tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310.00), kif ukoll disgha u sittin liri Maltin (Lm69.00) VAT, bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti merkanzija konsistenti f'sufan mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti u li huma naqsu milli jhallsu, u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-8 ta' Ottubru, 2001, kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta b'kontro-talba tal-konvenuti prezentata fit-22 ta' Marzu 2002 fejn intqal illi:**

**i. In mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol li l-attur gie ngaggjat li jaghmel a karigu tal-konvenuta ma kienx tal-kwalita' patwita;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv;**
**Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibghatu l-ispejjez ta' l-istanti.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra l-kontro-talba fejn intqal illi l-attur rikonvenzjonat gie ngaggat mill-attur rikonvenzjonanti sabiex jaghmel sufan skond specifici struzzjonijiet u disinn lilu moghti;**
**Illi x-xoghol in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' pattwita;**
**Illi l-atturi rikonvenzjonanti hallsu bhala depozitu s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00);**

**Ghaldaqstant l-atturi rikonvenzjonanti jitolbu illi l-konvenut rikonvenzjonat jigi ordnat jhallas lura d-depozitu fuq imsemmi kif ukoll illi jiehu lura x-xoghol ikkunsenjat lill-atturi liema xoghol ma kienx tal-kwalita` pattwita. Bl-ispejjez u bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata mill-attur fl-10 ta' April, 2002, fejn intqal:**
**a. illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzonati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur rikonvenzjonat mexa fuq l-ordnijiet specifici tal-konvenuti rikonvenzjonati;**

**b. Illi s-sufan ikkunsenjat mill-attur rikonvenzjonat huwa tal-kwalita` pattwita, ukoll kif kien miftiehem mal-konvenuti rikonvenzjonati;**

**c. Illi, slav eccezzjonijiet ohra, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonati ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.**

**Semgha x-xhieda ta' Ray Psaila, Eugenio Grech, Simon Attard, Jacqueline Attard, Shawn Risiott. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' merkanzija konsistenti f'sufan mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti. Da parti taghha il-konvenuti qed jghidu li l-merkanzija ma kienetx tal-kwalita` pattwita u qed jitolbu r-refuzjoni ta' depozitu li kien thallas lill-attur. Il-prezz tas-sufan kien ta' erba' mija u sittin lira Maltija.**

**2. Skond l-attur meta tkellem mal-konvenut il-ftehim kien ghall- "corner sofa" maghmul skond certu qies. Jghid li kien biss tlett gimghat wara l-konsenja li l-konvenut ilmenta li ma kienx joghgbu ix-xoghol. Jigi rilevat li Eugenio Grech, li jahdem bhala tappezzar mal-attur xehed diversament, u qal li qabel il-konsenja l-konvenut gja kellu d-dubbji tieghu joghgbux.**

**3. Jirrizulta li d-disinn kien inghata mill-konvenut, u l-materjal ukoll kien ghazlu l-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx mar fuq il-post ghall-qisien, izda qaghad fuq dak li qallu l-konvenut.**

**4. L-ilment tal-konvenut huwa li s-sufan ma giex "flush" mal-hajt kif riedu hu, u ma kellux tundjatura fuq wara, filwaqt li quddiem gie tond meta hu riedu kwadru. Inoltre is-sufan ma giex iebes bizzejjed.**

**5. Skond il-konvenuta meta tpoggi fuq is-sufan thoss l-injam tahtek.**

**6. Huwa minnu li l-konvenuti zammew is-sufan in kwistjoni. Pero` it-Tribunal jinnota li l-affarijiet saru piuttost b'mod superficjali, in kwantu l-iskizz li taw il-**

**konvenuti lill-attur ma hux xi skizz tridimensjonali, u b'ebda mod ma jurik id-dettalji li ried hu, izda biss jaghti ideja ta' dak li ried hu. Da parti tieghu l-attur messu, ta' bniedem tas-sengha, mar fuq il-post biex ikejjel u jara kif kien ser jigi dan is-sufan. Apparti dan hemm differenza sostanzjali bejn dak li pinga il-konvenut u dak li sar, ghax fil-fatt, kif sar ma jirrispekkja b'ebda mod id-disinn tal-konvenut, in kwantu gie li donnu jista' joqghod fuqu biss persuna wiehed, peress li mahdum fit-tond.**

**7. Dwar il-hjata, wiehed irid iqies li l-attur kien qed jahdem bil-gild, ghalkemm mir-ritratti esibiti, jidher li hemm lok li x-xoghol ikun aktar pulit.**

**8. It-Tribunal qed iqies it-talba tal-konvenuti ghar-rifuzjoni tal-prezz gustifikata, pero` it-talba li jigi ordnat li l-konvenut jiehu lura x-xoghol ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici, u qed jilqa' il-kontro-talba tal-konvenuti u jikkundanna lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------